**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 512/2021 GG**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**vs.**

**Emanuel Zahra u**
**Bonnici & Zahra Limited (C6229)**

Illum 24 ta' Settembru 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' Emanuel Zahra u s-socjeta' Bonnici Zahra Limited ippreżentat quddiem din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Mejju 2021 bis-segwenti premessi u talbiet:

Illi l-esponent ghadu kif gie notifikat b'ittra uffiċjali datata 11 ta' Mejju 2021 fejn gie interpellat ihallas is-somma ta' €27,045 (Dok A).

Illi dan l-ammont m'huwiex dovut u qieghed jiġi kkontestat u dan ghas-segwenti raġunijiet:

Illi preliminarjament, dik il-parti mill-ammont pretiz li tirrigwarda l-imigg hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156(c) tal-Kap.16.

Illi preliminarjament, u minghajr preġudizzju, dik il-parti mill-ammont pretiz li tirrigwarda l-imigg hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16.

Illi preliminarjament, u minghajr preġudizzju, dik il-parti mill-ammont pretiz li tirrigwarda l-imigg hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156(g) tal-Kap.16.

Illi minghajr preġudizzju, l-ebda ammont m'hu dovut minn Bonnici & Zahra Limited u dan stante illi jekk hemm xi ammont dovut dan jista' jkun dovut biss minn Emanuel Zahra bhala s-sid tal-bastiment in kwistjoni.

Illi minghajr preġudizzju wkoll l-ammont pretiz mill-esponenti mhux dovut u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-tratazzjoni ta' dan ir-rikors.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jghogobha, a tenur ta' l-artikolu 466 tal-Kap.12, tiddikjara t-talba ta' l-Awtorita' intimata ghal-hlas ta' €27,045 bhala wahda infondata u dan taht il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-Risposta ta' l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta ppreżentat quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Gunju, 2021 li tghid hekk:

1. Illi t-talba imressqa mir-rikorrenti ghandha tiġi michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dana ghar-ragunijiet segwenti;

i. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti iridu jiddeċiedu taht liema wahda mill-kapijiet diversi ta' preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156 tal-Kap 16 qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ghall-dak li jirrigwardja l-preskrizzjoni;

ii. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, ċertament, li s-subinciz C tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16 ma huwiex applikabbli ghall-kaz in eżami;

iii. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, l-ammonti pretiizi mill-Awtorita' esponenti ma humiex preskritti ai termini tas-subinciz F u G tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif del resto jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat DOK TM1 u kif ser jiġi ippruvat f'dawn il-proceduri;

iv. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, jidher illi r-rikorrenti sfuggielhom d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, partikularment, is-subinciz 3, fejn il-ligi tistipola li mhuwiex biżżejjed li d-debitur jghid l-ammonti huma preskritti;

2. Illi ghalkemm is-sid tal-bastiment huwa Emanuel Zahra, is-socjeta' Bonnci & Zahra Limited hija l-agent tal-vapur u ghalhekk ugwalment responsabbli ghall-ammonti mitluba mill-Awtorita' esponenti;

3. Illi kif ser jiġi mori ta' dawn il-proceduri, l-ammonti mitluba huma dovuti mir-rikorrenti.

GHALDAQSTANT, l-esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-atti processwali u tirriserva d-dritt li taghmel sottomissjonijiet ulterjuri u tressaq provi ammissibbli f'dan l-istadju jekk ikun il-kaz, titlob li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Tant ghandha x'tissometti l-Awtorita' esponenti ghas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat it-traskrizzjonjiet tad-deposizzjoni tax-xhieda;

Semghet ukoll xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha kompriz in-nota ta' sottomissjoniiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Fatti:**

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma dwar kontestazzjoni ta' tariffi mposti fuq sid ta' bastiment u l-allegat agent tieghu mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Wara li l-istess Awtorita' qieset li l-bastiment kien

"*laid up*" ossia "qieghed" fit-termini tal-ligi, mponiet tariffi fuq il-konvenuti u wara li qieset ukoll li dan kien ta' xkiel fil-Port il-Kbir, harget ordni ta' rimozzjoni u l-bastiment ttella mill-ilma u tkisser. Sid il-bastiment jikkontendi li l-bastiment ma kienx "*laid up*" u ghalhekk nieda din il-procedura fit termini tal-artikoilu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex jikkontesta t-talba tal-Awtorita';

2. Fil-11 ta' Mejju, 2021 l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta interpellat lil Emanuel Zahra u lis-socjeta' Bonnici & Zahra Limited permezz ta' ittra ufficcjali mahlufa prezentata fir-Registru tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ghall-hlas tal-ammont ta' €27.045.00 rapprezentanti bilanc dovut in konnessjoni mal-bastiment "Manwel". B'hekk huwa sodisfatt l-ewwel element rikjest mill-artikolu 466 (1) tal-Kapitolu 12, ossia li r-rapprezentant legali ta' korp maghdud u stabbilit bil-ligi jaghmel interprellanza mahlufa u dan jekk irid li jipprocedi bis-sahha ta' dan l-artikolu jekk irid iqis id-dejn bhala wiehed li ghadda in gudikat;

3. B'rikors intavolat quddiem din il-Qorti diversament preseduta, l-intimati invokaw id-dritt taghhom kif sancit fis-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 466 u b'hekk qieghdin jikkontestaw it-talba tal-Awtorita' kif postulata fl-ittra ufficcjali mahlufa u msemmija *supra*, liema rikors sar fi zmien l-ghoxrin jum li trid il-ligi u b'hekk huwa ukoll sodisfatt ir-rekwizit fl-artikolu 466 sabiex din il-procedura timxi kif irid dan l-istess artikolu;

**Mertu:**

4. L-intimati qieghdin jikkontestaw it-talba tal-Awtorita' b'eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni kif ukoll li l-ammont mhu dovut mill-ebda wiehed minnhom ghar-ragunijiet hemm moghtija. Stante li r-raguni mressqa ghac-cahda tal-pretensjoni hawn devoluta hija wahda ta' natura legali u fattwali, l-Qorti hi tal-fehma illi l-ewwel ghandu jkun deciz jekk l-Awtorita' setghetx titlob dan il-hlas u fl-eventwalita li jirrizulta fl-affermattiv allura imbaghad tghaddi biex tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni la darba ikun deciz ukoll in-natura tal-allegat dejn;

5. L-ewwel kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti huma dwar l-eccezzjoni tal-intimati li mhux minnu li l-bastiment in kwistjoni kien "*laid up*" u li ma kellux ikun mnehhi mill-ilma a spejjez taghhom. L-intimati itennu li l-bastiment, li huwa dghajsa tas-said debitament registrata, kien jinsab fuq l-irmigg lilu assenjat b'registrazzjoni valida u li dak iz-zmien kienu mistennija xi *spare parts* minn barra minn Malta biex tissewwa hsara li kellu liema bastiment kien ukoll moghni bi *crew*. Sia fid-deposizzjoni tal-intimat Zahra kif ukoll fis-sottomissjoni taghhom, l-intimati jsostnu illi l-bastiment ma kienx "*laid up*" ghaliex skond huma, dan it-terminu bl-ilsien Ingliz huwa mfisser bhala "*to bring a ship into the wind and hold stationary* – il-bastimnet tal-esponent qatt ma kien stationary u kif wkoll setghaw jifferifikaw il-Port Operation li kull meta l-istess port operation kienet titlob lill-esponent sabiex jmexxi/jimmanuvra din l-opra f'postijiet ohra tal-port huwa dejjem ottempera w obda dawn l-istruzzjonijiet";

6. Huwa bil-wisq evidenti illi l-kontestazzjoni tal-intimati minn dan l-aspett huwa destinat li jfalli. It-terminu "laid up" ma ghandu l-ebda konottat ma' xi kundizzjoni kif allegata mill-intimati ghajr ghal dak

kif prevalenti fil-Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att Dwar Portijiet u Bastimenti, b'disposizzjoni li tirreferi ghall-**uzu**. L-artikolu 2 ta' dan il-Kapitolu jippovdi hekk:

"bastiment qiegħed" tfisser bastiment li jkun f'xi port u li ma jkunx użat regolarment skont l-użu xieraq għal dak ix-xorta ta' bastiment għal żmien ta' aktar minn erbatax-il jum; u għall-fini ta'din it-tifsira "bastiment" tinkludi floating dock, floating crane, tagħmir ta' salvataġġ jew ta' rfigħ, sew fuq wiċċ il-baħar, mgħarrqin jew immuntati fuq xi inġenji tal-baħar, u barkun, li jitmexxew b'mezzi mekkaniċi jew xort'oħra jew irmunkati, iżda ma tinkludix xi dgħajsa jew xi inġenji tal-baħar, użati biss għad-divertiment jew għall-industrija tas-sajd, jew xi bastiment li jkun qiegħed f'xi port biex jissewwa.

Iżda l-Awtorità tista', għall-finijiet ta' din it-tifsira, fid-diskrezzjoni tagħha, tiddikjara li dgħajsa jew inġenji tal-baħar ma jkunux użati biss għad-divertiment jew għall-industrija tas-sajd, jew li bastiment ma jkunx qiegħed għat-tiswija, u kull bastiment bħal dak jitqies bħala bastiment qiegħed

7. Il-bastiment in kwistjoni kellu r-registrazzjoni tieghu mghaluqa peress illi ma kienitx qed tithallas il-kanone annwali mal Malta Maritime Authority u b'hekk ma baqax ikun konsiderat bhala vapur Malti. Il-hlas tar-registrazzjoni tal-bastiment bhala *fishing trawler* ma hi ta' ebda soljev ghall-intimati, jew min minnhom, ghaliex dan ma jinnewtralizzax id-decizzjoni tal-Awtorita' li tqis lil dan il-bastiment bhala "*laid up*" basta li tkun ittiehdet fil-parametri stabbiliti mil-ligi;

8. F'dan ir-rigward, r-rikorrenti invokaw id-decide fis-sentenza **Emmanuel Zahra vs malta Maritime Authority u direttur tal-Portijiet – App civ 28/2005/1 – 10 ta' Jannar, 2007** f'liema sentenza kienet konsiderata it-tifsira ta' "bastiment qieghed" u fejn kien deciz illi fid-diskriezzjoni taghha l-Awtorita' ghandha tagixxi "*recte*" u

mhux biss "*rite*". Dik il-Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet dwar il-kliem "*uzati biss*" prezenti fil-provizo tal-artikolu appena riprodott u li fil-fehma issa ta' din il-Qorti, dan mhux applikabbli ghar-raguni li bl-iskadenza tac-certifikat ta' registrazzjoni

9. Issa, mill-provi akkwiziti, dan il-bastiment kien ilu zmien twil ma jintuza u hawn il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni kontradditorja tal-istess intimat rikorrent li bid-dikjarazzjoni tieghu stess li pendenti l-wasla ta' *parts* tal-magna, liema raguni kienet ilha zmien twil ticcirkola, l-bastiment ma setghax jopera. Dan il-bastiment kien ilu mhux hmistax-il jum, izda aktar minn sena, milli jintuza. Il-fatt illi dan iccaqqlaq fuq rikjesta tal-Awtoritajiet tal-Port f'okkazzjoni wahda u li kellu "crew" fuqu konsistenti f'persuna wahda ma jbiddel xejn minn dan. Tant hu hekk illi l-allegat membru tal-ekwipagg kien persuna barranija li tkecciet minn dawn il-Gzejjer stante li ma kienitx qieghda hawn b'mod regolari. Il-bastiment kien ukoll mgharraq anke jekk dan huwa negat mill-konvenuti semplicement ghaliex ma kienx kompletament taht l-ilma dovut biss ghall-fatt li fejn kien marbut ma kienx fond bizzejjed u spicca jistrieh mal-qiegh nofsu mgharraq fl-ilma;

10. Aktar minn hekk r-rikorrenti Emanuel Zahra ddikjara li xogholu huwa ta' *full time fisherman* b'dan illi l-bastiment kien ilu ma jintuza mis-sena 2017, lanqas jiftakar id-data l-ahhar li uzah, ma jikrieh lill-hadd u tul iz-zmien li ilu wieqaf ma ddikjara ebda dhul mis-sajd;

11. Dan il-bastiment kien fill-fatt ta' xkiel u periklu fil-Port il-Kbir priv minn polza ta' assikurazzjoni u wara diversi

komunikazzjonijiet bejn il-partijiet inqalghet il-htiega li tnehhih sabiex isir tahmil ta' qiegh il-bahar. L-Awtorita' nehhiet il-bastiment u b'hekk inkorriet ukoll spejjez li huma akkluzi fit-talba taghha skond l-ittra ufficcjali guramentata msemmija *supra*.

12. Wara li rat id-dokumenti kollha ezebiti inkluz ir-rapport tal-Port Inspectors, ir-ritratti ezebiti u d-deposizzjonijiet tax-xhieda u l-Iskeda II tal-Ligi Sussidjarja 499.04, hi tal-fehma illi r-rikorrenti ma ghandhomx ragun fl-ilment taghhom li l-ammont pretiz mhux dovut fuq il-premessa li l-bastiment ma kellux jitqies bhala wiehed qieghed;

13. Isegwi ghalhekk issa li jkun deciz jekk dan l-ammont kienx dovut minn wiehed mill-partijiet jew mit-tnejn b'mod solidali u dan dejjem soggett ghall-eccezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni;

14. F'dan ir-rigward ma hemm ebda dubju li hemm certu affinita' bejn ir-rikorrenti Emanuel Zahra u s-socjeta' Bonnici & Zahra Limited. Ma jfissirx b'daqshekk illi din tal-ahhar ghandha tkun responsabbli ghad-djun tar-rikorrent Emanuel Zahra hekk kif intimat mill-Awtorita' sakemm ma jirrizultax dak in-ness li jirrendihom solidalment responsabbli. Issa, filwaqt illi s-socjeta' rikorrenti eccepiet li jekk hemm xi ammonti dovuti lill-Awtorita' dawn huma hekk dovuti biss mill-konvenut Emanuel Zahra bhala sid il-bastiment. L-istess itenni r-rikorrent anke fid-deposizzjoni guramentata tieghu meta jghid li l-Awtorita' naqset milli tispjega ghaliex invokat lis-socjeta' Bonnici & Zahra Ltd. Fl-istess deposizzjoni [1], izda, l-istess rikorrent jghid hekk: *"Din il-kumpanija kienet taghmel xoghol bhala agent ghal hrug u id-dhul doganali u tal-*

[1] Ara fol 20 (it-tieni pagna tal-affidavit tal-konvenut Emanuel Zahra)

*emigrazzjoni bhala Shipping Agent*". Jghid inoltre illi l-Awtorita' holqot account gdid li semmietu Bonnici and Zahra u uzat l-indirizz tieghu "*minghajr l-awtorizazzjoni taghna ghamlet dan il-kont fuq il-kumpanija meta din il-kumpanija keinet biss l-agent ta' l-imsemmi bastiment…*". Jaqbel ukoll l-istess xhud rikorrent illi fuq id-dokumentazzjoni tal-Port kif ukoll ta' Trasport Malta indika lis-socjeta' Bonnici & Zahra bhala l-agent tal-bastiment.[2]

15. Kif korrettament osservat l-Awtorita' intimata, l-artikolu 14 tal-Kapitolu 352 jipprovdi ghall-din is-sitwazzjoni meta jghid:

**Il-persuni li gejjin ikunu responsabbli ghall-hlas ta' kull dritt, hlas jew pagament migbur that dan l-Att:**

**(a) il-kaptan jew sid tal-bastiment;**

**(b) l-agent tal-bastiment, li jkun hallas jew ha r-responsabilita' li jhallas xi hlas akkont ta' dak il-bastiment.**

16. Stabilta ghalhekk ir-relazzjoni bejn Emanuel Zahra u s-socjeta' Bonnici & Zahra Ltd u din tal-ahhar bhala agent tal-bastiment ma hemm xejn aktar x'jinghad in rigward ghajr li r-responsabilita' ghal hlas ta' dan id-debitu jaqa' ugwalment fuq sid il-bastiment Emanuel Zahra u s-socjeta Bonnici & Zahra;

**Preskrizzjoni:**

17. Kif gia senjalat *supra*, r-rikorrenti invokaw il-preskrizzjoni tal-ammont mitluba mill-Awtorita'intimata. L-ewwel terminu preskrittiv minnhom invokat huwa dak imsemmi fl-artikolu 2156(c)

[2] Ara fol 136 (traskrizzjoni tal-kontro-ezami ta' Emanuel Zahra 12.10.2022

(f) u (g) tal-Kodici Civili kwantu dik il-parti tal-kont rigwardanti l-irmigg. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:**

**(a) .....**

**(b) .....**

**(ċ) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kera ta' bini jew ta' raba'**

**(d) .....**

**(e) .....**

**(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;**

**(g) salv kif provdut f'xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra: Iżda l-preskrizzjoni dwar l-azzjonijiet imsemmija filparagrafi (a) u (ċ), meta tali ħlasijiet ikunu dovuti lill-Gvern ta' Malta, tagħlaq bl-għeluq ta' għaxar snin**

18. Il-hlas mitlub mill-Awtorita' intimata rapprezentanti bastiment qieghed ma jaqa' taht l-ebda wahda mis-subartikoli nvokati mir-rikorrenti oltre li r-rikorrenti donnhom abbandunaw din il-linja difensjonali fil-mori tal-kawza u ma ssokktawx jispjegaw kif wiehed jew aktar mis-subartikolu tal-artikolu 2156 japplika ghal-kwistjoni in disamina.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, taqta u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.**

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

Nicole Cini
Deputat Reġistratur